SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA’ KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 09-15**

Illum it-Tlieta, 15 ta’ Diċembru 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 08-15 li saret nhar it-Tlieta, 10 ta’ Novembru 2015 u ġew moqrija u approvati kif emendati.

### *1.1 Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Korrezjonijiet*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuti tal-laqgħa numru 08-2015 u qal li għandu jiġu notat li hu kien wasal għoxrin minuta tard minħabba li kellu *lecture* l-Universita' u talab li ssir emenda. Il-Kunsill qabel u l-minuti ġew emendati.

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li hu kien qal li skond il-kodiċi tal-etika ta' Joe Sammut, f'artikolu 9 jgħid: "*Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod għaqli b'imparzjalita' u b'kuxjenza u mill-aħjar li jistgħu"* u f'artikolu 24-D "*huma għandhom jirrispettaw l-opinjoni tal-kollegi tagħhom .....jużaw lingwaġġ xieraq"*. Huwa qal li dan il-kliem ma tnizzilx fil-minuti.

Dak il-ħin qam argument u l-Kunsilliera Caroline Galea appellat għal rispett lejn il-Kunsilliera kollha.

Is-Sindku talab biex kulħadd jibqa fuq is-suġġett.

Il-Viċi Sindku qal li hu għandu dritt iwieġeb u jgħid dak li jħoss.

Il-Kunsillier Bonella rrefera għal dak li qal il-Kunsillier Liam Sciberras u qal li meta fil-laqgħa preċedinti il-Viċi Sindku qal li jirringrazzja lil Gvern Laburista għal proġett tal-Jogging Track, il-Kunsillier Sciberras kien qallu li waqajna politiċi.

### 1.1.2 *Vandalizmu fil-Playing Field*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal ċint li twaqqa' fil-playing field area u staqsa jekk is-*CCTV Cameras* għadhomx jiffunzjonaw. Huwa tkellem dwar inċident li nqala' waqt li kien hemm it-tifla u neputijiet tiegħu fil-*playing field*. Il-Viċi Sindku qal li dan kien każ li jsir rapport lil pulizija għax ma jaqgħax fir-remit tal-Kunsill.

### 1.1.3 *KUNTRATT SS(57-15-03) Kuntratt għal Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-appell pendenti dwar il-kuntratt hawn fuq imsemmi u staqsa f'hiex wasal l-appell. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ħa d-dokumenti mitluba mill-Public Contract Review Bord u permezz tal-avukat inkarigat mill-Kunsill, issottometta t-tweġiba tiegħu għal dan l-appell. Hija qalet issa nistennew li l-Kunsill jiġi nfurmat meta ser jinstema' dan l-appell.

### 1.1.4 *Xogħolijiet*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 7.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar il-pompi li kellhom isiru fil-ġibja u staqsa wkoll kif baqgħa l-Kunsill fuq il-*gutter* li hemm bejn Triq il-Ġnien u Vjal Oleandri.

Dwar il-*gutter* is-Sindku qal li l-Kuntrattur tal-manutenzjoni tat-toroq bħalissa qiegħed fuq biċċa xogħol oħra li għada mhix lesta. Huwa rrefera għax-xogħol ta' olterazzjoni tar-rampa li mit-triq Tal-Barrani tagħti għal ġol-Jogging Track u qal li l-*gradient* sar ħażin u jrid jiġi rranġat. Il-Kunsilliera Caroline Galea ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill lit-toqob li kellhom isiru fil-ħajt tar-rampa għadhom fil-fatt ma sarux.

### 1.1.5 *Donazzjoni ta' Siġar*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta' numru 4.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar l-għaxar siġriet li kellhom jinżraw fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Saret diskussjoni dwar fejn ser jitwaħħlu dawn is-siġar u l-Viċi Sindku qal li hu kien kiteb u għamel il-proposti tiegħu.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li dawn is-siġar ser ikunu qed jinżraw nhar is-Sibt, 23 ta' Jannar 2016.

### 1.1.6 International Art Exhibition Garden of Serenity 2015

Il-Viċi Sindku s-Sur Cutajar ta rendikont u l-anadment tal-Garden of Serenity International Art Exhibition 2015. Il-Viċi Sindku qal li l-inawgurazzjoni ta' din l-esibizzjoni saret mill-mistieden ta' l-unur l-Onor. Stefan Buontempo u qal li xtaq jara aktar il-preżenza tal-membri kollha tal-Kunsill waqt dan l-avvenitment. Huwa semma d-diversi attivitajiet li kkumplimentaw din l-esibizzjoni u l-involviment tal-istudenti tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Kulleġġ Saint Thomas More. Huwa semma wkoll l-attivitajiet imtella' miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż fosthom it-*Tea Ceremony* u dwar il-tlett serati ta' *films* li ttellu minn Chris u Maurice Micallef.

## 2. *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- **SLLC Memo 34-2015** - Tiżjin ta' toroq bid-dawl tal-Milied
- **SLLC Memo 35-2015** - Snow Village
- **SLLC Memo 36-2015** - Xogħolijiet relatati mal-problema tal-għargħar fi Triq il-Ġnien

- **SLLC Memo 37-2015** - Kunċert tal-Angelic Voices u s-Sound System
- **SLLC Memo 38-2015** - Ref: SLLC Q(57-15-12)
- **SLLC Memo 39-2015** - Bibita'
- **SLLC Memo 40-2015** - Kwotazzjoni SLLC Q(57-15-08) – Insurance Services
- **SLLC Memo 41-2015** - Xiri ta' dekorazzjonijiet għat-tiżjien ta' toroq
- **SLLC Memo 42-2015** - Newsletter

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 3.1 *Talba għal bdil ħinijiet tal-ġbir ta' skart*

Il-Kunsill iddiskuta talba mill-Kuntrattur Spiridione u Joseph Zammit li jgħatu servizz ta' ġbir ta' skart li qed jipproponu li l-ħin stabbilit jinbidel u flokk jibdew fid-9.00 a.m jibdew fl-10.00 a.m. Ġie nutat li dan il-kuntrattur diġa kien beda jibda l-ġabra tard. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat bil-miktub li l-ħinijiet għandhom jerġu lura għal kif kienu deċiżi mill-Kunsill.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU – 1 TA' JANNAR 2015 SAT-30 TA' SETTEMBRU 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill it-tielet *quarterly reports* għal din is-sena li jkopri l-perjodu hawn fuq imsemmi. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *overview* dwar il-qagħda tal-Kunsill matul dan il-perjodu. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sinjura Josianne Debono li tirrapreżenta I-D Consulta Ltd. li tagħt speġazzjoni tad-dħul u nfieq tal-Kunsill għal dan il-perjodu. Hija qalet li f'dawn it-tlett xhur ma kienx hemm xi spejjeż straordinarja u li l-Kunsill għalaq dan it-tielet kwart tas-sena b'*surplus* ta' €22,716.00. Is-Sinjura Debono wieġbet għad-domandi li saru mill-membri tal-Kunsill.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5859 sa numru BOV 5883 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn d-9 ta' Novembru 2015 u s-26 ta' Novembru 2015.

Lista ta' Skeda ta' Ħlasijiet intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 08-15(10-11-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2015 Ammont *Gross* € 4893.57

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Joseph & Spiridione Żammit | RC (57-14-01) | Serv.Nov.15 | 1877.90 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Nov.15 | 2061.50 |
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Serv. Nov.15 | 366.93 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. Nov.15 | 1088.00 |
| Owen Borg | SS(5-15-01) | Extra Service | 580.00 |

### *5.4 Approvazzjoni għal kiri ta' servizz*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' Simply Amazing Entertainment għal servizz ta' *animation* waqt attivita' għat-tfal. Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €150.00 Vat inkluż u kienet l-orħos fost żewg kwotazzonijiet li tressqu quddiem il-Kunsill waqt din il-laqgħa.

### *5.5 Approvazzjoni għal xiri ta' xkaffar*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' skaffar għall- *filing*. Din il-kwotazzjoni ta' Storage Systems Ltd tammonta għas-somma ta' €266.03

### *5.6 Approvazzjoni għal ħlas*

Il-Kunsill approva talba għal ħlas ta' €300.00 lis-Sinjura Mary Attard ta' diversi xogħolijiet li hi wettqet li jidhru illistjati fl-*invoice* u li huma relatati mal-Garden of Serenity International Art Exhibition 2015.

## 6. REF:SLLC Q(57/15/13) – KWOTAZZJONI GĦAL SERVIZZ TEMPORARJU TAL-KNIS U TINDIF TA’ TOROQ B’ĦARSIEN LEJN L-AMBJENT

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għal kwotazzjonijiet hawn fuq imsemmija li għaliha l-Kunsill irċieva erba’ offerti kif ġej:

| TENDERER | ADDRESS | AMOUNT | REMARKS |
|---|---|---|---|
| Christopher Bezzina | Emmnaue Crtl Flat 1,<br>Triq Carmen Mallia,<br>San Gwann | € 1,100 | VAT included |
| Elton John Zammit | Ent B, Flat 4,<br>Binja tas-Salvatur,<br>Triq Luigi Pisani,<br>Kalkara | € 1,550 | VAT included |
| Dimbros Ltd | Ludwig Garage,<br>Dun Salv Ciappara<br>Street, Żebbuġ | € 880 | |
| Malcolm Dimech | Our Nest,<br>Triq l-Indipendenza<br>Żebbuġ | ---------- | not submitted |
| Owen Borg | May Flower,Flat 2,<br>Triq Cilio Calleja,<br>Żebbuġ | € 830 | |

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offerti u ġie stabbilit li l-Kunsill għandu jistabbilixxi li l-kuntrattur li jintagħżel għal dan is-servizz temporarju jkollu t-trakk Euro 4 kif hemm indikat fid-dokument tal-offerta. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tivverifika dawn l-offerti u jekk issib kollox kif suppost dan is-servizz temporarju għandu jingħata lil Dimbros Ltd. għas-somma ta’ €880.00 fix-xahar.

## 7. *PERFORMANCE APPRAISAL* TA’ L-ISTAFF TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv 10%
Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv 6%
Marilyn Ellul – Skrivana 6%

## 8. AWGURI TAL-MILIED

Is-Sindku stieden lil Kunsilliera Caroline Galea biex tagħmel messaġġ ta' awgurju fl-okkazzjoni tal-festi tal-Milied. Is-Sinjura Galea qalet li din is-sena kienet waħda movimentata li matulha l-Kunsill iffaċċja l-elezzjoni lokali. Hija ħadet l-okkażjoni biex tirringrazzja lil ex-Kunsilliera li ma għadhomx jagħmlu parti mill-Kunsill u awgurat u ferħet lil Kunsilliera l-ġodda. Hija qalet li l-argumenti li jinqagħlu jżommu l-Kunsill ħaj u attiv għal ġid tal-lokalita' u l-kommunita u huwa f'dan l-ispirtu lil-Kunsill għandu jkompli jaħdem

Is-Sindku stieden lil Kunsillier Liam Sciberras biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-Kunsillier Sciberras kompla fuq li qalet is-Sinjura Galea u qabel li kienet sena movimentata b'ħafna mpenji. Huwa qal li jqis din l-esperjenza bħala avventura sabiħa li matulha seta jservi bħala pont bejn il-Kunsill u r-residenti. Huwa kompla jgħid li l-argumenti li kultant jinqagħlu huma sforż ta' kemm qed naħdmu għal ġid tar-residenti u huwa f'dan l-ispirtu li għandna nkomplu għaddejin.

Is-Sindku stieden lil-Kunsillier Bonello biex jagħmel id-diskors tiegħu. Is-Sur Bonello qal li hu jibqa' leali lejn il-Kunsill u l-istaff tal-Kunsill. Huwa rringrazzja lis-Sindku lil Viċi Sindku u awgura lil-Kunsill jibqa' miexi f'armonija. Huwa qal li jawgura lil kulħadd il-Milied it-tajjeb u qal li f'dan iż-żmien iħobb isellem li dawk li tilfu lil xi ħadd għażiż matul is-sena.

Is-Sindku stieden lil Viċi Sindku biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-Viċi Sindku sellem lis-Sindku u lil kollegi tiegħu. Huwa semma x-xogħol tal-Kunsill u awgura lis-Sindku fil-ħidma tiegħu. Huwa qal li diffiċli li tkun taħdem f'Kunsill Lokali u semma l-esiġenzi kontinwi tan-nies u l-fatt li mhux dejjem jaċċettaw li mhux dejjem tkun tista' taqdihom. Huwa kompla jgħid li bl-impenn is-suċċess jiġi. Huwa semma l-battibekki li ġieli jinqalgħu u qal li dawn iżommu l-Kunsill ħaj. Is-Sur Cutajar stqarr li huwa ma jżommx f'qalbu u jawgura lil kulħadd is-saħħa li hi l-aktar ħaġa mportanti. Huwa qal li jirringrazzja lil familjari tal-paċenzja u qal li l-kappell tas-Sindku jilbsuh huma wkoll. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li ħadem magħha għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena u sellem lil istaff preżenti u dak ta' qabel.

Is-Sindku rringrazzja lil membri kollha tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom. Huwa qal li mhux kulħadd ikollu l-kuraġġ li joħroġ għall-elezzjoni lokali iżda l-membri tal-Kunsill kienu lesti li joħorġu jdejhom u qegħdin hemm biex jaħdmu għal ġid tal-Lokalita' u r-residenti. Huwa rringrazzja lil familja tiegħu tal-appoġġ. Irringrazzja wkoll l-istaff tal-ħidma tiegħu. Huwa semma lil Marilyn u x-xogħol li tagħmel ta' Customer Care u qal li dan mhux faċli. Huwa semma lil Louise u x-xogħol li tagħmel anki meta is-Segretarju Eżekuttiv ma tkunx preżenti. Is-Sindku semma lis-Segretarju Eżekuttiv li baqgħet għaddejja bil-ħidma tagħha. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ li kienet preżenti għall-laqgħa.

Is-Sindku rringrazzja lil membri tal-Kunsill wieħed wieħed. Huwa beda bil-Viċi Sindku, Frederick Cutajar u qal li xtaq jirringrazzjah bil-kbir tax-xogħol li wettaq. Huwa rringrazzja lil Kunsillier Bonello talli jieħu ħsieb l-anzjani. Is-Sindku rringrazzja li Kunsilliera Caroline Galea li meta jkellem lir-residenti dejjem isemmuha. Huwa rringrazzja lil Kunsillier Liam Sciberras li ngħaqqad mal-Kunsill ta' Santa Luċija din is-sena u awguralu.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ……………….,..... ta' ………………… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**